Minuti tas-56 (sitta u ħamsin) Laqgħa tal-Kunsill Lokali Fontana li saret nhar it-Tnejn 28 ta' Novembru 2011 fis-Sala tal-Komunita. Bdiet fil-5.30p.m.

Prezenti għall-laqgħa:

Sindku: Is-Sur Saviour Borg

Kunsilliera: Is-Sur Victor Cefai
Is-Sur Horace Micallef
Is-Sur Lorry Apap

L-Aġent Segretarju Ezekuttiv is-sur Joseph Xiberras

Skuzat: Il-Viċi-sindku s-Sur Anthony Borg.

## 1. Talba

1.1 Il-laqħa kienet preseduta mis-Sindku s-Sur Saviour Borg. Bdiet b'talba mill-Aġent Segretarju Eżekuttiv.

## 2. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti

2.1 Il-Kunsill ġie nfurmat mis-Sindku u mill-Aġent Segretarju Eżekuttiv li l-Minuti tat-tlett laqgħat li kellhom jiġu ppreżentati mill-eks Segretarju Eżekuttiv is-Sur Karl Vella, għat-tieni darba kienu għadhom ma ġewx ippreżentati lill-Kunsill biex jiġu approvati. Hemm ukoll xogħol ieħor pendenti li għadu mhux lest. Wara diskussjoni l-Kunsill qabel li għandha tintbagħat email lid-dipartiment tal-Gvern Lokali biex jinfurmah bis-sitwazzjoni. Id-dipartiment informa li xorta ssir il-laqgħa, u li ser jara li jsiru l-minuti pendenti mill-iktar fis.

## 3. Korrispondenza

### 3.1 Memos

3.1.1 107/2011 – Mistoqsija Parlamentari Nru W449

3.1.2 108/2011 - Mistoqsija Parlamentari Nru W450


Kunsill Lokali Fontana
Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555

3.1.3 109/2011 - Mistoqsija Parlamentari Nru W451

3.1.4 110/2011 - Mistoqsija Parlamentari Nru W454

3.1.5 111/2011 – Konsultazzjoni mal-Kunsilli Lokali rigward *Noise Pollution*

3.1.6 112/2011 – Xogħolijiet f'toroq arterjali u f'dawk li jgħaddu l-karozzi tal-linja

3.1.7 113/2011 - Mistoqsija Parlamentari Nru 30096

3.1.8 114/2011 – Taħriġ għal Ideat Innovattivi fl-Applikazzjoni tal-Proġetti Kofinanzjati mill-EU

3.1.9 115/2011 - Mistoqsija Parlamentari Nru 30429

3.1.10 116/2011 – Talbiet mill-Kunsilli Lokali għal-Self mill-Bank

**3.2** **<u>Korrispondenza</u>**

3.2.1 MEPA Kompetizjoni tpinġija tfal.
3.2.2 AKL – Cirkulari AKL 76/2011 - WSC
3.2.3 KLF – Ittra lil Transport Malta dwar talba għal *SLOW signs* Triq il-Għajn
3.2.4 AKL – Cirkulari AKL 75/2011 Il-Plenarja tat-3 ta' Diċembru 2011.
3.2.5 Perit Ivana Farrugia – Information Panel u devoluzjoni Ghajn il-Kbira.
3.2.6 KLF – E-mail lil Dr. Jean Paul Grech approvazzjoni tad-draft letter lil Transport Malta.
3.2.7 DLG – *E-mail* risposta mingħand is-Sur Silvio Frendo re: *Visit to Brussels.*
3.2.8 MEPA E-mail *EPC decisions.*
3.2.9 MHEC – E-mail Ghoti tad-Demm Qabel il-Festi tal-Milied.
3.2.10 MUESAC – E-mail Europe 2020: Goal and Challenges for a Better Europe.
3.2.11 TM – Approvazzjoni għas-SLOW Signs Triq il-Għajn.
3.2.12 PHRF – Christmas stocking Appeal 2011
3.2.13 DLG – Tweġiba minn Adrian Mifsud, mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali li s-Sur Karl Vella ġie trasferit mill-10 t'Ottubru 2011. Il-Kunsill qabel li s-Sur Karl Vella għandu jitħallas il-paga tal-ewwel disa' ijiem.


Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555

3.3 **Ilmenti:**

3.3.1 Ilment minn Joe Grech ta’ 21 Triq il-Kappillan Hili fejn talab li titranġa l-katusa ta’ taħt l-bankina peress li meta saret il-bankina ġiet ostakolata l-katusa eżistenti. Il-Kunsill qabel li jsir dan ix-xogħol.

3.3.2 Ilment minn Ganni Galea ta’ 118 Fountain Street fejn qed jilmenta li qed isir parkeġġ quddiem garaxx li għandu fi Triq ta’ Mulejja bil-konsegwenza li jkolli problemi biex idaħħal u/jew joħroġ il-vetturi min ġol-garaxx. Talab li jintalab il-permess biex isiru sinjali tan-No Parking quddiem il-bieb tal-garaxx tiegħu. Dan l-ilment għamndu jiġi mgħoddi lil Transport Malta.

3.3.3 Ilment mis-sur Toni Cassar rigward xi ħsarat li allagetament saru waqt ix-xogħol tat-tieni fażi tal-proġett taċ-Ċentru Ċiviku.Hu qed jilmenta li saru xi konsenturi fil-ħajt iż-żgħir tal-faċċata. Is-Sindku u l-Aġent Segretarju Eżekuttiv infurmaw lill-Kunsill li kienu diġa avviċinaw lil Perit Gordon Vella meta dehru dawn il-konsenturi u dan ordna li jinbnew tlett pilastri tal-bricks u konkos bħala lqugħ.

## 4. Għoti tal-Offerti

4.1 Il-perit Angelo Portelli evalwa u ressaq ir-rapport tiegħu għal kisi bit-tarmac f’partijiet mit-toroq l-Isptar San Ġiljan u Triq il-Għajn. Peress li l-offerta mixħuta min Gatt hi għolja l-membri qablu li ssir talba lid-dipartiment jekk għandux isir negozzjar mall-kuntrattur biex inaqqas il-prezzijiet bhalma rrikmanda l-perit.

4.2 Rigward l-offerta tal-Ġbir ta’ l-Iskart bieb bieb bl-Iscammel is-Sur Karl Vella għandu jiġi mistoqsi jekk kitibx l-ittra kif kien ordnalu l-Onor. Chris Said waqt il-laqgħa tal-Kunsill li saret nhar il-25 t’ Awwissu 2011.

4.3 Rigward id-dubju li kien hemm dwar jekk sarx il-ħlas ta’ €50 meta nġabret waħda mill-Offerti għal Panelli Fotovoltajiċi ġie maqbul li għandha ssir verifika mas-Sur Karl Vella dwar dan.

4.4 Tressqet u ġiet approvata mill-membri kollha preżenti l-proposta biex jitnaddfu s-siġġijiet tas-sala tal-komunita mit-tbajja li xi uħud minnhom kien fihom. Dan għall-prezz ta’ €3.50 (tlett euro u ħamsin ċentezmu tal-euro) għal kull siġġu li

jitnaddaf. Hemm madwar 27 siġġu x'jitnaddfu. Il-Kunsill qabel li jsir dan ix-xogħol minn Fresh & Clean.

4.5 Il-Kunsill qabel li toħroġ "Kwotazzjoni" għall-Installazzjoni ta' bozza fi Triq Mons. Mikiel Buttigieg peress li l-istima miġbura mingħand is-Sur Chris Gauci hija għola mill-istima li għamel l-Inġinier Mario Galea b'madwar €800. Barra minhekk taqbeż ukoll il-limitu ta' €1,165.

## 5. Mistoqsijiet

5.1 Ma kien l-ebda mistoqsija.

## 6. Jum il-Fontana

6.1 Is-Sindku u l-Aġent Segretarju Eżekuttiv informaw lill-Kunsill li kollox kien preparat għas-serata ta' Jum il-Fontana u diġa bdew l-attivitajiet bil-ftuħ ta' wirja ta' artiġġjanat maħdum fil-Fontana. Din ġiet miftuħa mis-Sindku fil-preżenza tal-Aġent Segretarju Eżekuttiv.

## 7. Laqgħa tal-Lokalita'

Il-membri preżenti lkoll qablu li għanda ssir il-Laqgħa tal-Lokalita nhar il-Ħadd 18 ta' Diċembru 2011.

## 8. Approvazzjoni ta' Kontijiet

8.1 Ċedola ta' pagamenti annessa. Il-membri lkoll qablu li jsiru l-pagamenti murija fiċ-ċedola annessa ħlief għall-kont:

Nru 4 Kera ta' Site C Triq il-Ghajn li jammonta għal €700 (seba mitt euro) li din tifforma parti mill-kera li titħallas kongunta ma dik tal-fond 191 Triq il-Għajn skont kif muri fuq il-kuntratt li sar bejn id-Dipartiment tal-Artijiet u l-Kunsill Lokali Fontana. Il-Kunsill qabel li jitħallas €700 minn tas-sena 2010, li d-Dipartiment tal-Artijiet kien għadu ma bgħatx għalihom u tas-sena 2011 bħala ħlas ta' B u C.

Kont Nru 17 dak ta' Scerri Bonello Advocates peress il-kunsilliera prezenti lkoll qablu li qabel jithallas dan il-kont għandu jingħata l-parir bil-miktub rigward il-parir li kien intalab dwar it-tender tal-ġbir tal-*Household Waste.*

## 9. Mozzjonijiet


Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555

Ma kien l-ebda mozzjoni.

**10. <u>Materji Oħra</u>**

10.1 Is-Sindku informa lil Kunsill li nhar l-10 ta' Novembru rċieva e-mail bir-rizenja tal-Aġent Segretarju Ezekuttiv fejn dan tal-aħħar kien wiegħed li ser jibqa sa nhar l-1 ta' Diċembru minħabba l-attivita' ta' Jum il-Fontana.

10.2 Sindku qal li nhar il-Ħamis 3 ta' Novembru, 2011 saret il-ħarġa soċjo-kulturali għat-tfal f'Malta fejn żorna diversi nħawi tal-kampanja kif ukoll l-Għarix ta' Żeppi fil-Fawwara fejn rajna masġar taż-żebbuġ organiku u kif isir l-għasir taż-żejt. Wara żorna l-Adventure Park f'ta' Qali. Attendew 22 tfal u kbar fosthom is-Sindku u l-Kunsillier Horace Micallef.

10.3 Is-Sindku nforma lil kunsilliera li huwa għadu qed jirrifjuta li jieħu l-onorarja dovuta lilu sakemm tintrad lura dik l-onorarja li huwa tħallas meta għoliet l-onorarja skond ir-rata stabilita mil-liġi ma dik tal-membri parlamentari u li wara xi xhur reġgħet tnaqqset; ħalli b'hekk jirregolarizza l-pożizzjoni tiegħu.

10.4 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li huwa attenda għal-laqgħa tar-reġjun ta'Għawdex li saret fl-uffiċċju tal-Kunsill tar-Rabat fil-Banca Giuratale.

10.5 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li tlesta x-xogħol mill-ħaddiema tal-IPSL fuq il-*Pumping Station* tad-Drenaġġ f'Wied il-Lunzjata.

10.6 Is-Sindku nforma lill-Kunsill ukoll li kkwalifkajna fi skema tad-dipartiment tal-Gvern Lokali dwar aċċessibilita' aħjar. Il-Kunsill ser jibbenefika minn €2,900. Is-Sindku nforma wkoll li hu attenda għall-Laqgħa li kienet saret fil-Kunsill Lokali tal-Pietà fejn ġew imqassma dawn il-fondi mill-Onor. Dr. Chris Said.

10.7 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li s-Sur Alfred Xerri ġie personalment il-Kunsill biex jirringrazzjahom għas-solidarjeta li l-Kunsill wera miegħu fil-mument tat-telfa ta' l-għażiża martu. Bi qbil mal-Kunsilliera, kien ġie deċiż li jsir bukkett fjuri għall-funeral tas-Sinjura Xerri.



Kunsill Lokali Fontana
Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555

10.8 Is-Sindku ressaq proposta biex l-iskema tal-ipparkjar Zona B fil-Fontana tkun għall-ħinijiet ta' fil-għodu biss bħalma hi dik imħaddma fil-lokalita tal-Belt Victoria. Din il-proposta m#għaddietx mill-Membri tal-Kunsill u ġie deċiż li tibqa'kif inhi fil-preżent.

10.9 Is-Sindku nforma lil membri li l-inġinier għadu ma għamilx l-applikazzjoni tal-fanali l-ġodda ma l-*Enemalta*.

10.10 Is-Sindku nforma li ntbagħtet ittra lir-residenti dwar it-tilqima tal-influwenza u dwar il-kors tal-*Aerobics*. Il-Kunsillier Victor Cefai qal li din is-sena kienet waħda rekord fl-għoti tat-tilqima tal-influwenza fejn stqarr li ngħatat 51 tilqima. Rigward il-kors tal-*Aerobics*, is-Sindku nforma li applikaw 30 persuna għal dan il-kors u li saret laqgħa ma' Aleandro li ser ikun qed jieħu ħsieb dan il-kors.

10.11 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li ġie ordnat Bin għal Belvedere ta' Triq Ta' Mulejja mingħand Mario Mallia. Ġew ukoll ordnati żewġ tabelli mingħand SMC Designs kif kien stipolat fil-kuntratt tal-EKO Għawdex dwar il-proġett ta' sistema ġdida tad-dawl li saret fi Triq il-Qalb ta' Ġesu u Triq il-Għajn l'isfel mill-Knisja u Pjazza Għejjun. Dawn twaħħlu fit-toroq imsemmija. Ġie wkoll imqabbad Mons. Dr. Joe Bezzina biex iħejji l-iskrizzjoni li ser titqiegħed fi Pjazza Għejjun mar-replika tal-Għajn tal-Loġoġ, kif stipulat fil-kuntratt tal-Eko Għawdex. Din ser tkun dwar l-istorja tal-inħawi. Din l-informazzjoni ser tkun miktuba bil-Malti u bl-Ingliż. Din għandha ssir ukoll minn SMC Designs.

10.12 Is-Sindku nforma li twaħħlu 11-il fanal dekorattiv *Environmentally Friendly* u *Energy Saving* fi Triq il-Qalb ta' Ġesu u li twaħħlu 8 fanali ħdejn ir-*Railing* u fi Pjazza Għejjun. Wara li saret l-applikazzjoni lil Enemalta, dawn ġew mixgħula.

10.13 Is-Sindku nforma li l-Viċi-Sindku u l-Kunsillier Victor Galea attendew għal żjara ta' 4 t'ijiem fi Brussel li kienet organizzata mid-Deputat Ewro-Parlamentari Dr. Simon Busuttil flimkien mal-Kunsilli Għawdxin.

10.14 Dwar ix-xogħol tal-*culvert* fi Triq l-Isptar San Ġiljan dan kellu jiġi mwaqqaf peress li l-Ħadd 27ta' Novembru 2011 riedet issir il-purċissjoni tal-Patrun tal-Fontana Sant'Andrija.



Kunsill Lokali Fontana
Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555

10.15 Tlestew ukoll l-erba' arbli tal-*istainless steel* għas-Sala tal-Komunità minn Charles Curmi. Twettaq ukoll l-ilment ta' Loreta u Ġużeppa Mifsud.

10.16 L-Aġent Segretarju nforma lill-Kunsill li ġie avviċinat mis-Sinjura Joanne Galea li oħtha xtaqet tikri s-Sala tal-Komunità biex isir party lejn l-aħħar tas-sena. Il-Kunsill qabel li tinkera għall-prezz ta' €100 skond *Bye-Law* mill-Kunsill. Intbagħtet ukoill ir-risposta tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar *sponsor* biex isiefru tfal tal-iskola mill-Fontana. Il-Kunsill ġie nfurmat mis-Silvio Frendo, Assistent Direttur, Dipartiment tal-Gvern Lokali li dan ma jistax isir. Din għandha tiġi mibgħuta lill-Kap tal-Iskola.

10.17 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-presepju li kellu jsir minn Caltagirone mhux ser isir. Dan minkejja li kellem lis-Sur Mario Spiter li kien responsabbli tal-ko-ordinament, iżda bqajna bla tweġiba.

10.18 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li t-tfajjel Joseph Mercieca kien ir-rebbieħ tal-Mascot għal Fontana organizzat mill-MEPA. Is-mascot juri qabru tal-ilma ħelu li jinstab f'Wied il-Lunzjata u Wied ix-Xlendi li huma fil-konfini tal-Fontana.

10.19 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsill li ġie avviċinat mill-mara ta' Emmanuel Caruana li kien jaħdem is-servizz ta' trasport għall-ħarġiet tal-Kunsill f'Għawdex li minkejja li ppreżentat il-kont talaħħar ħlas f'Lulju, saħansitra bl-irċevuta fiskali, dan baqa' ma tħallasx. X'ħin ġie avviċinat is-Sur Karl Vella dwar dan hu qal li ma jafx b'dan.

10.20 Sar ukoll ilment minn Richard Debono mid-Dipartiment tal-Artijiet fejn qal li f'Lulju li għadda tħallsu fil-Kunsill €204 u ma jafx fejn ġew iddepożitati.

10.21 Is-Sindku qal li hemm bżonn tinxtara xema' għan-niċċa tas-Salvatur u ppropona wkoll li tinxtara *digital camera* peress li dik eżistenti ma tantx għadha tiffunzjonatajjeb. Il-Kunsill qabel li jinxtraw dawn l-affarijiet.


Kunsill Lokali Fontana
Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555

Il-laqgħa spiċċat fis-7.10p.m. u sar qbil li l-laqgħa li jmiss għandha ssir nhar it-28 ta' Diċembru 2011 fil-5.30p.m.

Il-Minuti ta' din il-Laqgħa ġew ippreparati mill-Aġent Segretarju Eżekuttiv is-Sur Joe Xiberras, u ppreżentati fil-Laqgħa tal-Kunsill tat-Tlieta 6 ta' Marzu 2012 mis-Sur Joseph Farrugia, Aġent Segretarju Eżekuttiv peress li ma setgħux jiġu approvati qabel jiġu approvati l-aħħar tlett laqgħat tas-Segretarju Eżekuttiv, is-Sur Karl Vella.

Joseph Farrugia~~Joe Xiberras~~<br>Aġent Segretarju Ezekuttiv

Saviour Borg<br>Sindku



Kunsill Lokali Fontana
Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555